# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. *JOSEPH R. MICALLEF* LL.D.

Illum, il-Hamis 26 t'April, 2001.

Kawza Nru. 1.
Citazz. Nru. 1711/00 JRM

**BANK of VALLETTA p.l.c.**

**vs**

**Dr. Veronica AQUILINA u l-P.L. Sharon MIZZI nominati b'digriet tal-10 ta' Jannar, 2000 kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Roland FLAMINI**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-Citazzjoni mressaq fis-17 t'Awissu, 2000, li bih il-Bank attur ppremtta:

Illi s-socjeta' attrici Bank of Valletta p.l.c. ikkoncediet "Loan Facility" lill-assenti konvenut Roland Flamini;

Illi l-attrici tinsab kreditrici tal-assenti konvenut Roland Flamini fl-ammont ta' elf u sitt mitt liri maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm1,600.89) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-assenti konvenut Roland Flamini mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Illi l-konvenut gie nterpellat permezz ta' ittra ufficjali datata 25 t'Ottubru, 1999 li qed tigi hawn esebita u markata Dok "B" sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, izda dan baqa' inadampjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:

1. Tikkundanna lill-assenti konvenut Roland Flamini jhallas lill-attrici s-somma ta' elf u sitt mitt liri maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm1,600.89) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" tal-assenti konvenut Roland Flamini mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "A") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-1 t'April, 2000 sad-data tal-effettiv pagament;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 25 t'Ottubru, 1999 (Dok "B") u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Bank attur, flimkien maz-zewg (2) dokumenti mehmuzin maghha;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-imharrkin Kuraturi Deputati tat-22 ta' Novembru, 2000, li biha eccepew:

1. Illi sad-data tal-prezentata ta’ dan l-att, huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern u ghalhekk qeghdin jirriservaw id-dritt taghhom li jecepixxu fi stadju ulterjuri; u

2. Illi s-socjeta’ attrici ghandha tigi ordnata sabiex tghaddilhom, jekk din tinstab fil-pussess taghha, dik l-informazzjoni relattiva sabiex huma jkunu jistghu jikkomunikaw mal-konvenut minnhom rapprezentat;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-Kuraturi Deputati;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda tal-Bank attur;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat tal-Bank attur u tal-Kuratrici Deputata;

Rat id-Degriet taghha tad-29 ta’ Marzu, 2001, li bih halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza;

## *Ikkunsidrat:*

Illi l-Bank attur kien ta facilita’ ta’ self lill-imharrek Roland Flamini fl-1997 li tithallas lura bir-rata ta’ imghax imsemmija fir-Rendikont ta’ Self esebit bhala Dokument “A” (pagna 5 tal-process). Jidher li l-imharrek gibed somma ta’ Lm1714.04 f’Awissu ta’ dik is-sena u hallas biss is-somma ta’ Lm439.06 f’Awissu tal-1998;

Illi, mill-bqija, ma saret l-ebda transazzjoni ohra, u l-Bank attur, skond il-prattika bankarja, baqa’ jzid l-imghax fuq il-bilanc dovut u talab lil-klijent, li sa dak iz-zmien kien assenti u rappresentat mill-imharrkin Kuraturi Deputati, b’ittra ufficjali biex jersaq ghall-hlas;

Illi m'hemmx x'wiehed izid fuq dak li jirrisulta mill-atti tal-kawza. Il-Bank attur, permezz tax-xhud tieghu, ikkonferma li l-ammont ma kien thallas xejn minnu matul il-kawza; il-Kuraturi Deutati ma ressqux provi biex jikkontestaw it-talba attrici; u, minn esami tal-atti tal-kawza nfushom, jidher li dak li l-Bank attur qieghed jitlob huwa misthoqq;

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:

**Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tikkundanna lill-imharrek assenti jhallas lill-Bank attur is-somma ta' elf u sitt mitt lira maltin u disgha u tmenin centezmu (Lm1,600.89) bhala bilanc ghad-debitu fil-*loan account* tieghu, flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri fuq l-imsemmija somma li jghaddu mill-1 t'April, 2000, sal-jum tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kollha kontra l-Kuraturi Deputati.

**Moqrija.**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**
**26 t'April, 2001.**

**Charles Falzon**
**Deputat Registratur**
**26 t'April, 2001.**

*26 t'April, 2001.*